MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2580/1999/1

**Calcedonius Ciantar bhala kuratur *ad litem* tal-minuri Cherouk Elsadanny D'Amato**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**
**Philip D'Amato**
**Marica D'Amato**
**Mamdouh Mohammed Elssadamy gie ammess jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* b'digriet tat-12 ta' April 2002.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru 2814/99, hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A', nhar is-Sibt, 14 t'Awissu, 1999 twieldet l-attrici Cherouk

Elsadanny D'Amato, f'liema certifikat tat-twelid hemm dikjarat illi missierha huwa l-konvenut Philip D'Amato filwaqt li ommha hija l-konvenuta Marica D'Amato;

Premess illi, ghalkemm fil-mument tat-twelid u fiz-zwieg tal-koncepiment ta' l-attrici Cherouk Elsadanny D'Amato, il-konvenuti Philip D'Amato u Marica D'Amato kienu ghadhom mhumiex legalment separati (ghalkemm diga kienu gew avvjati proceduri ghal separazzjoni gudizzjarja u anke proceduri ghall-annullament taz-zwieg), pero` l-istess konvenuti Philip D'Amato u Marica D'Amato kienu ilhom separati *de facto* ghal numru ta' snin u fil-fatt l-attrici Cherouk Elsadanny D'Amato twieldet minn relazzjoni extra-matrimonjali li kellha l-konvenuta Marica D'Amato ma' ragel ta' nazzjonalita` Egizzjana;

Premess illi l-konvenut Philip D'Amato mhux il-missier naturali ta' l-attrici Cherouk Elsadanny D'Amato;

Premess illi ghaldaqstant l-attrici Cherouk Elsadanny D'Amato m'ghandhiex stat konformi ma' l-att tat-twelid taghha kif fuq imsemmi;

Talab l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici Cherouk Elsadanny D'Amato mhix il-wild naturali tal-konvenut Philip D'Amato kif hemm indikat fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija attrici Cherouk Elsadanny D'Amato numru 2814/99;

2. Tiddikjara illi, ghal dak li jirrigwarda l-paternita` taghha, l-imsemmija attrici Cherouk Elsadanny D'Amato m'ghandhiex stat konformi ma' l-att tat-twelid taghha numru 2814/99;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel u jirregistra l-korrezzjoni opportuna fl-att tat-twelid numru 2814/99 ta' l-attrici Cherouk Elsadanny D'Amato billi fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar missier l-attrici, jithassar l-isem tal-konvenut Philip D'Amato u d-dettalji kollha dwaru, u cioe` l-professjoni tieghu, l-eta`, il-post tat-twelid u l-post tar-residenza u

isem u kunjom missier il-konvenut Philip D’Amato u jissostitwihom bil-kliem ‘missier mhux maghruf” fil-kolonna rigwardanti d-dettalji tal-missier fl-att tat-twelid ta’ l-attrici Cherouk Elsadanny D’Amato li jgib in-numru 2814/99;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine*, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tat-13 ta’ April, 2000 tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi dwar il-mertu ta’ l-azzjoni ta’ denegata` paternita` esercitata fil-kawza odjerna l-esponenti jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi pero` ghas-success ta’ din l-azzjoni tinhtieg il-prova ta’ l-impossibilita` fizika ta’ koabitazzjoni bejn il-konjugi Philip u Maria D’Amato fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tat-tarbija, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 77 tal-Kap. 16;

3. Illi inoltre u wkoll bla pregudizzju, f’kaz li jigu akkolti t-talbiet attrici, apparti l-korrezzjoni mitluba fit-tieni talba ghandhom ukoll jigu kancellati il-kliem “*the said*” mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta’ l-omm;

4. Illi stante l-fatt li t-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 2814/1999 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-esponent jew impjegati tieghu, huwa m’ghandux ibati spejjez tal-kawza;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota tal-konvenuta Marica D'Amato li biha tat ruhha b'notifikata bic-citazzjoni odjerna u bl-avviz tas-smiegh, pero` baqghet ma pprezentatx in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

L-azzjoni attrici maghmula mill-minuri tramite r-rapprezentant tieghu hi fondata fuq il-premessa illi dak li jiffigura fuq l-Att tat-Twelid tieghu bhala missieru fir-realta` mhuwiex dan. Hi azzjoni intiza biex tattakka l-presunzjoni legali sancita fl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili tramandata mid-dritt Ruman u li ssostni *li "pater is est quem iustae nuptiae demonstrant*";

Intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**Paolo Huber noe -vs- Colonello Alessandro Mattei**", Appell Civili, 26 ta' Ottubru 1914, Vol. XXII P I p 177:-

"*Non risulta dalla legge non potere un minore reclamare una paternita` illegittima primacche il marito di sua madre non lo abbia privato della sua paternita` legittima ... L'inazione invero del marito nel promuovere l'azione di denegata paternita`, nel caso in cui questa gli compete, non dovrebbe ragionevolmente privare il figlio del diritto di reclamare il suo vero stato, poiche` non si puo` immaginare che il legislatore abbia inteso di fare dipendere tale diritto del figlio dalla volonta` del marito ad esercitare o rinunziare a quell' azione, ove in realta` gli competesse, rendendo cosi instabile ed incerto lo stato del figlio.*";

Issa biex jirnexxi fl-azzjoni hekk intentata ta' ricerka ta' stat divers, anke wiehed illegittimu, irid jintwera li l-istat legittimu ma jkunx marbut tant ma' l-att tat-twelid kemm mal-pussess ta' stat legittimu ('*nomen, tractatus et fama*' ghal liema jirreferi l-Artikolu 80 tal-Kodici Civili). Meta jonqos wiehed minn dawn l-elementi l-prova tal-filjazzjoni tkun tista' ssir bil-mezzi l-ohra mil-ligi adoperati (Artikolu 82). Tali prova, f'kull kaz, trid tirrizulta preciza, konklussiva u fuq kollox, rassikuranti tenut qies ta' l-importanza ghall-interess tal-minuri;

Minn evalwazzjoni tal-provi f'din l-istanza, il-Qorti hi sodisfatta li t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha. Dan in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(a) Il-koppja D'Amato kienu ilhom ghal xi snin mifruda *de facto* qabel il-koncepiment u twelid tat-tifla minuri. Jirrizulta illi minn wara li nfirdu gew inizjati proceduri ta' separazzjoni fl-1997;

(b) Omm it-tarbija kienet, kif minnha mistqarr, gejja u sejra l-Egittu wara li r-ragel ta' nazzjonalita` Egizzjana, li mieghu kellha relazzjoni, kien gie deportat minn Mata fil-5 ta' Dicembru 1997. Gew esebiti ezemplari ta' uhud mit-titjiriet li ghamlet, in partikolari il-biljett ta' l-ajru li juri li hi kienet allontanat ruhha minn Malta fit-22 (u mhux fid-29) ta' Ottubru 1998 u irritornat lura fil-25 ta' Frar 1999, kwazi sitt xhur qabel it-twelid ta' bintha;

(c) Il-minuri qed titrabba' fl-Egittu, fir-religjon Islamika, u fil-kuntratt tas-separazzjoni ta' l-20 ta' Novembru 1999 ma nsibu l-ebda accenn ghaliha;

(d) Miz-zmien tal-firda 'l quddiem omm il-minuri u zewgha qatt ma kellhom rapport sesswali, u difficilment wiehed ghandu jahseb xort' ohra mehud rigward tar-rakkont dwar agir kriminuz da parti tal-konvenut Philip D'Amato;

(e) Hemm fl-ahharnett l-istqarrija guramentata ta' l-intervenjent in kawza Mamdouh Mohammed ElSaadamy fejn hu jirrikonoxxi li hu missier it-tarbija;

Minn din l-esposizzjoni tal-fatti u certament ukoll ta' dawk l-aspetti l-ohra probatorji li jghoddu ghal kaz, kif esposti fl-affidavit, ghandu jkun ovvju illi l-veru pussess ta' stat tal-minuri ma jikkonkorrix mad-dettalji li nsibu fl-Att tat-Twelid taghha jew mal-pussess ta' stat ta' bint legittima konformi ghal dan l-Att;

Ghalkemm id-dikjarazzjoni ta' l-omm mhix sufficcjenti biex teskludi l-paternita` ta' zewgha (Artikolu 70(2)), b'danakollu meta din l-istess dikjarazzjoni tkun akkoppjata ma' elementi u provi ohra bastanti ghal konvinciment - ad exemplum, id-dikjarazzjoni tal-missier naturali, il-mod tat-trobbija tal-minuri, il-fatt li membri tal-familja qatt ma irrikonoxxew lill-konvenut Philip D'Amato bhala missier it-tifla, il-prova li l-omm harget tqila meta kienet assenti minn Malta u anzi kienet qeghda l-Egittu - dan kollu ghandu jinduci biex tingheleb il-presunzjoni tal-legittimita` tal-minuri sancita fl-Artikolu 67 tal-Kap. 16, u li konsegwentement it-talba ghall-korrezzjoni mitluba fl-Att tat-Twelid (esebit a fol. 5 tal-process) hi wahda meritevoli ta' akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddikjara li t-tifla minuru Cherouk Elsadamy, ghal liema jirriferixxi l-Att tat-Twelid Numru 2814/99, ma hijiex il-wild naturali tal-konvenut Philip D'Amato;

Tordna li fl-imsemmi Att tat-Twelid issir ir-rettifikazzjoni opportuna skond kif mitlub fit-Tielet Domanda attrici tenut rigward ukoll tas-senjalazzjoni fit-tielet eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu a kariku ta' l-attur *nomine*.

(ft) Philip Sciberras

---

Onor Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

______________________
Emanuel Sciriha
Deputat Registratur